MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 753/2002

**Antonia sive Antoinette Cassar**

**vs**

**Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L. Liliana Buhagiar nominati b'digriet tat-22 ta' Mejju 2002 bhala Kuraturi Deputati a nom u in rapprezentanza ta' l-assenti Ramy Adel Ayad Guimian.**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici u Ramy Adel Ayad Guimian izzewgu fir-Registru taz-Zwigijiet fil-Belt Valletta fit-22 ta' Marzu 1997, wara liema zwieg l-istess Ramy Guimian li kien ta' nazzjonalita` Egizzjana, ottjena l-*freedom of movement* f'Malta.

Illi dan iz-zwieg gie iskritt fir-Registru Pubbliku ta' Malta bhala Att bin-Numru Progressiv 237 ta' l-1997 (Dok. "A").

Illi l-kunsens ta' l-attrici inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li mix-xorta taghha tista` tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-attrici zzewget meta l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Illi dan iz-zwieg huwa kolpit b'simulazzjoni tant li l-kunsens kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.
Illi fi kwalunkwe kaz, dan l-allegat zwieg ma giex ikkonsmat.

Illi ghalhekk l-istess attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li z-zwieg kontratt bejn Antonia Cassar u Ramy Adel Ayad Guiman fit-22 ta' Marzu 1997, huwa null u bla effett ghal kull fini u effett tal-ligi *ai termini* ta' **artikolu 19 tal-Kap. 255** tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Alternattivament, jekk ma tintlaqax l-ewwel talba, tannulla z-zwieg kontratt bejn Antonia Cassar u Ramy Adel Ayad Guimian fit-22 ta' Marzu 1997, ghal kull fini u effett tal-ligi *ai termini* ta' **artikolu 19a tal-Kap. 255** tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jannota u jiskrivi tali nullita` fir-rigward ta' l-att li jgib in-Numru ta' Registrazzjoni 237/1997.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 5 tal-process;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici Antonia Cassar fejn talbet li tinghata Ghajnuna Legali gratuita; rat id-digriet tad-29 ta’ Mejju 2002 fejn il-Qorti tilqa` t-talba bili tassenja lir-rikorrenti bhala difensuri l-Avukat Dr. Leslie Cuschieri u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno ta’ l-elenku li lilhom imiss it-turn.

Rat id-digriet tat-22 ta’ Mejju 2002, fejn il-Qorti nnominat lill-Avukat Dr. Beppe Fenech Adami u lill-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Deputati Kuraturi a fol. 23 fejn gie eccepit:

(1). Illi huma m’humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirrizervaw illi jipprezentaw nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jkunu edotti mill-fatti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti id-Deputati Kuraturi a fol. 24 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 26 fejn gie eccepit:

(1). Illi huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

(2). Illi l-prezenza tieghu fil-kawza odjerna hija mehtiega biss ghall-finijet ta’ l-eventwali ezegwibilita` tal-gudizzju, ghaldaqstant l-esponent m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti;

(3). Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 27 tal-process.

Rat il-verbali tad-19 ta'Novembru 2002; tal-11 ta' Frar 2003; tal-5 ta' Marzu 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Marzu, 2003.

Rat in-nota ta' l-attrici, tad-9 ta' Jannar 2003, li biha pprezentat l-affidavits taghha stess u dak ta' Jesmond Cassar;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### I) PROVI PRODOTTI.

L-attrici **Antoinette Cassar** fl-affidavit taghha ssostni:-

*"Illi l-ewwel darba li ltqajt ma' Rami Guimian, li kien ta' nazzjonalita` Egizzjana, kien meta laqqghani mieghu l-gharus ta' ohti; kelli seba' u ghoxrin sena. Dak iz-zmien kont ghaddejja minn zmien hazin hafna, specjalment ghax kelli bzonn naghmel operazzjoni u l-isptar kienet ser tehodli fit-tul. L-gharus t'ohti kien qalli li dan Rami kien sinjur kbir u li kont ghogobtu. Hajjarni nizzewgu u dahhalli f'mohhi li jekk nizzewgu l-operazzjoni naghmilha privata u jghini finanzjarjarnent. Kont kellimt lil dan Rami u t-tnejn qbilna li nizzewgu kemm jista' jkun malajr. Jiena ghidtlu bl-operazzjoni li kien jehtiegli naghmel, u hu werieni li ma kien qed isib ebda problema b'dan.*

*Illi morna r-Registru taz-zwigijiet u rrangajna biex nizzewgu fi zmien tliet xhur. Ma ppreparajna xejn kbir, u peress li ahna ta' religjonijiet differenti, qbilna li nizzewgu bic-Civil biss. Fil-frattemp, Rami kellu mikri flat fil-Hamrun, u konna qbilna li wara li nizzewgu nibdew nghixu f'dan il-flat. Ghandi nghid li jien qatt ma dhalt f'dan il-flat. Sa ma zzewwigna ltqajna spiss hafna u kollox kien jidher normali.*

*Kien irranga biex jibda jahdem ta' mastrudaxxa mal-lukanda San Gorg f'Paceville.*

*Illi l-gurnata ffissata ghat-tieg kienet it-22 ta' Marzu 1997, u dakinhar fil-ghodu morna r-Registru taz-Zwigijiet il-Belt u gew xi hbieb taghna bhala xhieda. Wara li lestejna kollox, Rami qalli li kellu bzonn imur japplika ghall-freedom of movement, u kellu xi qadjiet ohra fil-belt stess li aktarx kienu ser jehdulu fit-tul. Jiena ghidtlu li kont ser immur d-dar ta' ommi f'Santa Venera, u meta jlesti jghaddi ghalija. Madanakollu xi ftit sieghat wara, cempilli ghand ommi u qalli li kienu ghadhom kif cemplulu mill-Egittu biex jghidulu li missieru kien marid gravi u kien imminenti li jmut; qalli li kien ser jara meta seta' jitla' l-Egittu l-aktar malajr. Imbaghad rega' cempilli aktar tard u qalli li ser jitlaq dakinhar stess. Dakinhar ma kontx naf jekk nemmnux jew le, izda hadtha daqsxejn bi kbira.*

*Illi jien ippretendejt li malli jasal icempilli, u anke jinfurmani bil-kondizzjoni ta' missieru, izda ghal tliet xhur shah ma smajt xejn minghandu; ghalhekk fhimt li kien dahak bija. Irrid nghid li la qabel, u naturalment anqas wara z-zwieg ma konna ghamilna sess flimkien.*

*Illi wara madwar tliet xhur gie lura Malta u gie jfittixni. Huwa qalli li ned li mmorru nghixu flimkien izda jien bzajt nerga' nafdah. Konna ltqajna diversi drabi, barra, biex niddiskutu l-futur taghna, izda jien hassejt li huwa mhux vera ried jizzewwigni. Ma kienx iggustifika l-fatt li ghamel tlett xhur bla ma jikkuntattjani u deherli li mhux ser inkun naf fejn jien mieghu: ghalhekk ghidtlu li ma ridtx mmur nghix mieghu, u nfridna. Wara gieli rajna l-xulxin, izda qatt m'ghixna flimkien. Nikkonferma li bqajna qatt ma kellna x'naqsmu flimkien u naturalment tfal m'ghandniex. Lanqas xtrajna xejn fiz-zwieg flimkien. Meta xi sena jew sena u nofs ilu bdejt kawza ta' separazzjoni, lil Rami ma stajt insibu mkien. Staqsejt ghalih fil-postijiet li kien hemm in-nies jafuh, bhax-xoghol u hbiebu, u kollha qaluli li aktarx kien telaq minn Malta. Jien ghalhekk issa ma nafx fejn jista' jinstab Rami, biss fhimt li m'ghadux jghix Malta.*

*Illi m'ghandi ebda ndirizz jew mezz iehor ta' kif nista' nikkomunika mieghu."*

Fl-affidavit tieghu **Jesmond Cassar** jghid:-

*"Illi jiena nigi hu Antoinette, l-attrici, u izghar minnha miz-zmien. Kont sirt naf li ohti bdiet tohrog ma' certu Rami ta' Nazzjonalita' Gharbija flit xhur qabel ma hija kienet qaltli li kienet iddecidiet li tizzeweg lill-istess Rami. Meta qaltli li ser tizzewweg kont ghadni qatt ma rajtu lil dan Rami, izda mbaghad kien hemm zewg okkazzjonijiet fejn jien iltqajt mieghu. Jien ili 8 snin mizzewweg u ghalhekk meta ohti bdiet tohrog ma' Rami jien kont diga` tlaqt mid-dar; ohti zzewget fl-1997. Ohti kienet infurmatni li kienet ser tizzewweg bir-Registru, mhux bil-Knisja, u naf li ma kellha ebda cerimonji ppreparati. Biss hija kienet qaltli li huma kelhhom jizzewgu bil-Knisja f'data aktar tard, u ghalhekk dan iz-zwieg tar-Registru ma kont tajtu ebda importanza.*

Illi dakinhar li ohti kellha tizzewweg bir-registru jiena mort ghax-xoghol normali. Imbaghad filghaxija cemplitli ohti u qaltli li xtaqet tkellimni ghax Rami kien sen isiefer dakinhar stess. Mont niltaqa' m'ohti li rrakkontatli kif Rami, wara li marru jiffirmaw fir-Registru Pubbliku, qalilha li kellu jsiefer dakinhar stess ta' malajr malajr. Kemm jien u kemm ohti m'ghogbitna xejn din il-bicca, izda qbilna li kellna nistennew flit halli naraw x'ser jigri.
*Illi mbaghad bdew ghaddejjin il-granet, u ohti kienet tilmenta mieghi li anqas biss cemplilha biex jghidilha x'kien qed jigri, u ghalhekk fhimna li dan kien dahak b'ohti. Imbaghad ghadda daqsxejn zmien sewwa u ohti nfurmatni li dan Rami kien rega' gie Malta, u li kien kellimha. Da parti tieghi, minn dakinhar tat-tieg 'l hawn jien qatt ma rajtu lil Rami. Anzi nghid li sussegwentement, u cjoe' wara li kien rega' nqata' l-kuntatt bejn ohti u Rami, ohti kienet talbitni nghinha infittxuh. Kont naf li dan kellu post il-Hamrun, u ghalhekk jien u ohti konna morna fejn kien joqghod u fi hwienet fejn kellu hbieb tieghu biex nistaqsu ghalih. Staqsejna ghalih anke ma' nies Gharab hbieb tieghu u dawn kien hemm uhud li ma kienux jafu x'sar minnu, u ohnajn li qalulna li kienu jafu li kien siefer u li kienu jafu li kellu hsieb jerga' jigi lura. Bqajna nzommu ftit*

*kuntatt ma' dawn in-nies sabiex jekk jigi lura jinfurmawna, izda qatt ma nfurmawna li gie lura; nifhmu li qatt ma rega' gie lura. Ohti tghid lilha qatt cemplilha, la qatt baghtilha xi flus bhala manteniment, la qatt kitbilha xi ittra, u qatt ma taha xi ndirizz jew numru ta' fejn hija setghet issibu."*

**II) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi dawn it-tlett premessi li fuqhom hija bbazata l-azzjoni attrici huma kkontemplati fl-**artikolu 19 (1) (c), (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cjoe` l-**Att dwar iz-Zwieg**.

Illi l-attur l-ewwel jissottometti illi z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null inter alia a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** li jghid:-

**19 (1).** "*B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".*

Il-Qrati taghna dejjem sostnew illi taht dan is-subartikolu:-

"*Iz-zwieg huwa null jekk wahda mill-partijiet taghti kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi hadd iehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra*" (**"Sh A mart A Fattah xebba Perry vs Dr A Mifsud u PL Mifsud Bonnici"** – P.A. 22 ta' Novembru 1982).

Illi element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li jfixkel serjament il-hajja mizzewga, u huwa mmaterjali jekk tali qerq jorrigina minn naha l-ohra jew minn terzi persuni, ghaliex li huwa mportanti u determinanti huwa li l-qerq ikun sar sabiex jahbi xi kondizzjoni, fatt, jew element serju fuq il-persuna jew il-hajja ta' wiehed mill-konjugi li jkun tali li jista' jaghti lok ghal disgwid serju ghal *consortium vitae* tant necessarju ghall-hajja mizzewga.

Illi fil-fatt ***George V. Lobo*** f' **"The New Marriage Law"** jghid li *"As t. J. Green puts it: "The basic issue is not so much the fraud but rather the presence of a factor significantly disturbing the 'consortuim vitae…..if one judges from a contractualist perspective, fraud is juridically significanty since the law seeks to protect one party from the machinations of the other distorting the agreement. However, from a personalist standpoint, the real issue is the disturbance of the 'consortuim vitae' and the source of the error is juridically irrelevant".*

Illi wkoll l-legislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".* Din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"John Borg vs Paula sive Polly Borg"** (P.A. (VDG) 22 ta' Mejju 1995 - Cit. Nru. 591/94VDG) fejn gie osservat li:-

*"kieku dak il-paragrafu 19(1)(c) gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-art.981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il propjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg".*

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality* **must be** *objectively grave and establishes the partneship of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, proeprties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial". (****Viladrich*** **P.J. Matrimonial Consent. Code of Canon Law Annot. -** Caparros, E. et al. ed)1993, Wilson and Lafleur , Montreal).

Illi l-Qrati taghna, inkluz fis-sentenza “**Carmelo Mifsud vs Anna Mifsud nee’ Ignacakova**” (P.A. (RCP) 13 ta’ Novembru 2002), dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita tal-parti l-ohra (“**Fattah xebba Perry vs Dr.A. Mifsud et**” (P.A. 22 ta Novembru 1982). Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta’ dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

L-attrici ssostni wkoll li l-kunsens tal-partijiet kien null a bazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d)** li jghid:

“(d) *jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*”.

Illi dwar dan is-subartikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza “**Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg**” (Cit Nru 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta’ Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza “**Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe**” (Cit Nru 2443/97/RCP – deciza 18 ta’ Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-esposizzjoni ta’ ***Viladrich***:-

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a*

*juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).
Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op.cit., p. 687).

Illi dwar l-ahhar premessa ta' l-attrici bbazata fuq l-**artikolu 19 (1) (f),** dan jipprovdi li z-zwieg ikun null:-

**19 (1) (f)** "*jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*".

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza "**Nicolai Balzan vs Simone Cremona**" minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit Nru 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi inoltre fis-sentenza "**Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe**" (Cit Nru 3130/96/NA – deciza fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni posittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*".

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici ltaqghet mal-konvenut tramite l-gharus t'ohtha u mill-ewwel dan insista maghha li kellhom jizzewgu malajr kemm jista' jkun, tant li fil-fatt, fi zmien tlett xhur minn meta ltaqghu ghall-ewwel darba, gie celebrat l-istess zwieg fit-22 ta' Marzu 1997. Kif izzewgu ezatt il-konvenut qal lil attrici li kellu jmur japplika ghall-permess tal-*freedom of movement*, pero` wara cempel, fejn allega li sema' li missieru kien marid gravi u kellu jmur lejn l-Egittu. Fil-fatt dam tlett xhur l-Egittu u qatt ma kkomunika maghha, u mar iffittixha. Ovvjament jidher li l-attrici din id-darba ma fdatux w allura l-konkluzjoni ta' dan kollu hija li in verita` l-partijiet qatt m'ghexu flimkien u lanqas jidher li l-konvenut qatt kellu ntenzjoni li jghix ma' l-attrici, u l-iskop tieghu biss kien li jkun jista' jghix Malta u jakkwista l-permessi necessarji sabiex jaghmel dan u xejn izjed.

Illi dan certament huwa zwieg biss ta' l-isem, sfortunatament wiehed mill-hafna li din il-Qorti kif presjeduta qed tiltqa' maghhom, li kieku mhux ghan-numru u l-varjeta` taghhom, l-istejjer hemm indikati huma kwazi nkredibbli, fis-sens ta' kif mara tafda ruhha b'dan il-mod ma persuni jew ahjar irgiel li jkunu jafu biss ghal ftit xhur u jhalluhom litteralment juzawhom u fi kwalunkwe kaz jidhqu bihom. Dan wiehed minn dawn il-kazi fejn jidher li lanqas biss kien hemm minimu ta' sembjanza ta' l-elementi essenzjali kollha sabiex parti jew ohra tidhol ghal dan iz-zwieg, u f'dan il-kuntest wiehed jirreferi ghall-affidavits ta' l-attrici u ta' huha Jesmond Cassar li jinsabu fuq riportati.

Illi huwa sintomatiku wkoll li wiehed jirreferi ghas-sentenzi **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (N.A.) 31 ta' Mejju 2000) u **"Carmen El Shimi gja**

**Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (N.A.) 20 ta' Gunju 2000) u **"Marica mart Farhat Ben Mohammed Bouchhioua nee' Cernigliaro vs. Farhat Ben Mohammed Bouchhiuoua."** (P.A. (RCP) tal-1 ta' Ottubru 2002) fejn inghad li fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista c-cittadinanza Maltija jew/u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda pozittivament iz-zwieg innifsu, u ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li dan jaqa' taht id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi abbazi ta' dan il-Qorti ma thossx li ghandha tidhol u tikkummenta fuq l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** ghalkemm ma jidhirx li hemm bazi ta' annullita ta' zwieg ibbazat fuq l-istess.

Illi dwar l-**artikolu 19 A (1) tal-Kap 255** dan jipprovdi li:-

*"Iz-zwieg validu jista' jigi annullat fuq talba ta' parti mizzewga wkoll minhabba li l-parti l-ohra tkun irrifjutat tikkonsma l-istess zwieg".*

Illi wara dak li intqal aktar il-fuq din hija biss kwistjoni akkademika, pero' din il-Qorti thoss li dan l-artikolu japplika biss fil-kaz ta' zwieg li jkun validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u ghalhekk la darba dan iz-zwieg gja gie ddikjarat iktar il-fuq li huwa null minhabba difett fil-kunsens, mela allura dan l-artikolu ma jistax jigi applikat ghall-kaz *de quo* w allura t-talba fuq il-bazi ta' dan l-artikolu ghandha tigi michuda.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak hawn premess u deciz, u **tichad it-tieni (2) talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra**, b'dan illi:

1. Tiddikjara li z-zwieg kontratt bejn Antonia Cassar u Ramy Adel Ayad Guiman fit-22 ta' Marzu 1997, huwa null u bla effett ghal kull fini u effett tal-ligi *ai termini* ta' **artikolu 19 tal-Kap. 255** tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jannota u jiskrivi tali nullita` fir-rigward ta' l-att li jgib in-Numru ta' Registrazzjoni 237/1997.

Bl-ispejjez kollha jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet b'dan li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------